**16 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Conċetta Chircop

*versus*

Filippa Xuereb et.

**Konsorzju — Innovazzjonijiet fil-Ħaġa Komuni — Art. 530 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa minnu li skond il-liġi ebda wieħed mill-konsorti ma jista', mingħajr il-permess tal-konsorti l-oħra, jagħmel innovazzjonijiet fil-ħaġa komuni, ankorkè jirritjeni li jkunu vantaġġjużi għall-komproprijetarji kollha; iżda bil-kelma "innovazzjonijiet" wieħed għandu jifhem dawk l-alterazzjonijiet li għandhom it-tendenza li jbiddlu d-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza tal-ħaġa komuni, u mhux ukoll dawk li sempliċement iservu għall-aħjar godiment tal-ħaġa; speċjalment meta l-ħaġa tista' tiġi ripristinata mingħajr dannu tal-istess komunjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha xierqa, billi l-kontendenti jipposjedu ndiviżament bejniethom il-fond numru 4 Alley I, Our Lady of Angels, Ħaż-Żebbuġ, li minnu l-attriċi qegħdha tokkupa parti u l-konvenuti qegħdin jokkupaw il-parti l-oħra; u billi l-konvenuti dan l-aħħar għamlu xi xogħolijiet fil-parti okkupata minnhom, billi neħħew xrieq u għamlu xi xogħolijiet oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża, u dan mingħajr il-permess u kunsens tal-attriċi; u billi l-konvenuti, interpellati biex jirripristinaw il-fond kif kien qabel, naqsu milli jagħmlu hekk; talbet li l-konvenuti t-tnejn, solidalment u ndiviżibbilment bejniethom, jew min minnhom skond ma jirriżulta, jiġu kundannati jirrimettu l-fond fuq imsemmi fl-istat pristinu, fiż-żmien li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti; u jekk jonqsu, l-attriċi tiġi awtorizzata tagħmel dan ir-ripristinament hija stess a spejjeż tal-konvenuti jew min minnhom, u taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jogħġobha tagħti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Marzu 1961;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi tal-attriċi jirriżulta illi l-kwerela tagħha dedotta tikkonsisti fil-li l-konvenuti, komproprijetarji, rrimmovew mill-kċina xrieq u għoli ta' tliet piedi ġebel ta' van magħluq mingħajr il-kunsens u permess tagħha;

Illi hu minnu li skond l-art. 530 tal-Kodiċi Ċivili, bażat fuq il-liġi 28 Dig. de communi dividundo, ebda wieħed mill-konsorti ma jista' jagħmel innovazzjonijiet fil-ħaġa komuni, ankorkè jirritjeni li jkunu vantaġġjużi lill-komproprijetarji kollha, jekk ma jkunx ħa l-permess tagħhom;

Illi kwindi l-kwistjoni kollha tivverti ruħha fuq jekk dak li sar mill-konvenuti jikkostitwix vera u proprja innovazzjoni;

Illi l-kelma "innovazzjoni", li kienet fit-test taljan tal-art. 189 tal-Ordinanza VII tal-1868, ġiet definita għal dawk l-alterazzjonijiet fil-ħaġa komuni li għandhom it-tendenza li jbiddlu d-destinazzjoni, l-istat u l-konsistenza imma ma humiex intiżi bħala innovazzjonijiet dawk li semplicement iservu għall-aħjar godiment tal-ħaġa (ara Appell 3. 12. 1909 "Camilleri vs. Ellul", Vol. XX-I-258 u 259; ara wkoll Qorti ta' Għawdex 7. 1. 1888 "Borg vs. Axiak", Volum Sent. 1888, Sessjoni Epifanija, paġ. 15);

Illi l-kelma "innovazzjoni" fl-art. 530 tal-Kap. 23 ġiet tradotta f' "alterations", u bil-malti "tibdil fil-ħaġa komuni"; imma l-ispiritu tal-liġi baqa' dejjem l-istess;

Illi bejn il-partijiet hemm ċerta ostilità, ammessa mill-istess attriċi, u din il-Qorti għandha raġuni tajba biex taħseb li l-azzjoni hija pjuttost ta' karattru emulattiv, in vista tal-fatt illi x-xogħol li għamlu l-konvenuti mingħajr kunsens tal-attriċi ma hux ta' natura ta' innovazzjoni, imma sempliċi mezz tal-aħjar godiment u użu tal-ħaġa komuni; speċjalment meta bniedem jikkunsidra li l-istess kambjament jista' fi żmien bejn wieħed u ieħor mhux reċenti jiġi

ridott għall-istess ripristinament mingħajr danni tal-istess komunjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-attriċi.